**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 513/97

Mario Attard

vs

Ministeru tat-Turizmu u Mediterranean Conference Centre u b' digriet tad-29 ta' Marzu 1999 gew kjamati fir-rikors id-Direttur tat-Turizmu u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Kultura

Illum 7 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja peress li ma

nghatax appointment mal-Gvern u l-beneficcji tal-pagi li jgib mieghu dan l-impieg.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:

1. Illi r-rikorrent gie impjegat mal-Mediterranean Conference Centre fis-16 ta' Marzu 1987 bhala "handyman".

2. Illi l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' r-rikorrent, skond il-kuntratt ta' servizz ma kienux simili ghal tal-Gvern hlief ghal dak li jirrigwarda l-paid holidays, vacation leave, sick leave izda mhux ghal dak li jirrigwarda l-paga u l-hinijiet tax-xoghol.

3. Illi fis-sena 1992 saru riformi fil-pagi ta' l-impjegati tal-Gvern.

4. Illi fl-1 ta' Jannar 1992 in-nisa li kienu impjegati irregolarment mac-Centru nghataw l-opportunita' li jaghzlu biex imorru jahdmu mal-Gvern minflok li jibqghu mac-Centru.

5. Illi l-irgiel impjegati mac-Centru inkluz ir-rikorrent ma nghatawx din l-istess opportunita`.

6. Illi fl-1 ta' Jannar 1992 ir-rikorrent gie impjegat permanentement mac-Centru (dok A).

7. Illi sussegwentement fis-sena 1993 sar Ftehim Kollettiv bejn it-Taqsima Lukandi, Ristoranti, Ikel u Xorb tal-Union Haddiema Maghqudin u l-Mediterranean Conference Centre.

8. Illi in konsegwenza ta' dan il-Ftehim Kollettiv ir-rikorrent inghata impjeg bi grad ta' Tradesman II (Dok "B").

9. Illi l-kundizzjonijiet ta' l-impieg u l-grading tar-rikorrent kienu skond il-Ftehim Kollettiv in vigore.

10. Illi in konsegwenza ta' dan it-tip ta' impjeg ir-rikorrent tilef kull opportunita' li jinghata appointment mal-Gvern u fl-istess waqt tilef kull beneficcji ta' paga li jigu ma' dan l-impjieg.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jinghata rimedju f'li jinghata appointment regolari mal-Gvern flimkien mal-beneficcji li tilef in konsegwenza ta' l-impjieg tieghu u jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata lij igi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Ministeru tat-Turizmu u tal-Mediterranean Conference Centre li eccepew:

1. Illi l-Ministeru tat-Turizmu mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12.

2. Illi kwantu dirett kontra l-Mediterranean Conference Centre l-ilment huwa ukoll infondat ghar-ragunijiet segwenti:

a. Ir-rikorrent kien inghata l-impieg tieghu minghajr ma kienu gew segwiti d-disposizzjonijiet Kostituzzjonali (Art 110(6)) li jassikuraw l-ugwaljanza ta' access ghall-impiegi fis-settur pubbliku u kien ghalhekk klassifikat mid-Dipartiment tax-xoghol bhala "haddiem irregolari".

b. Illi l-impieg mal-Gvern isir fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku b'mod specifikament regolat mill-Kostituzzjoni u r-rikorrent qatt ma nzamm jew gie vjetat milli japplika wara sejha ghal applikazzjonijiet ghal impiegi pubblici bhal kull cittadin iehor.

c. Illi l-pozizzjoni tar-rikorrent fil-Mediterranean Conference Centre kienet fil-fatt giet regolarizzata u r-rikorrent illum huwa haddiem

regolari ta' dan ic-centu li jgawdi l-istess kundizzjonijiet ta' xoghol bhal kull haddiem iehor hemmhekk.

d. Illi l-kwistjoni dwar jekk il-haddiema tac-Centru ghandhomx kundizzjonijiet ahjar jew aghar mill-haddiema tal-Gvern hija irrilevanti ghall-iskopijiet ta' l-Att VIII ta' l-1997, billi r-rikorrent kien dahal jahdem fl-1987 fic-Centru u ghadu hemm sa llum. Huwa qatt ma kien mal-Gvern u qatt ma tkecca minn mal-Gvern u minghajr pregudizzju ghall-meritu tal-kwistjoni dwar jekk huwiex minnu illi l-haddiema tal-MCC qeghdin aghar minn tal-Gvern ghandu jinghad illi certament ir-rikorrent ma jistax jippretendi kundizzjonijiet ta' xoghol ta' "employer" li ma jahdimx u li qatt ma hadem mieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra li fis-17 ta' Gunju 1999 Dr. Borg Costanzi ghad-Direttur tat-Turizmu u ghad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kultura ghamel referenza ghar-risposta tal-Ministru tat-Turizmu u r-risposta tal-Mediterranean Conference Centre halli sa fejn din hi applikabbli tkun ir-risposta tal-imsemmija diretturi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li kien qed jirregistra ghal madwar erba' snin u wara nghata impjieg mal-Mediterranean Conference Centre bhala Handyman. L-impieg kien wiehed irregolari u dahal mal-Mediterranean Conference Center f' Marzu tas-sena 1987. Il-paga kien jirceviha mit-Tezor sal-1992. Fl-1992 gie nfurmat li kien qed jinghata impieg permanenti ma' Dar il-Mediterran ghall-konferenzi b' sehh mill-1 ta' Jannar 1992. Irrefera ghac-cirkulari Nru 19/93 mahruga mill-OPM fl-1 ta' Marzu 1993. Din ic-cirkolari tghid "in conformity with Government Policy as announced in the Budget Speech in 1992, all emloyees irregularly employed prior to May 1987 were to be offered permanent employment with Government in Group A of the Industrial Grades with effect from 1st January 1992." Semma li hu qatt ma nghata kopja ta' din ic-cirkulari jew gie nfurmat b'din l-opportunita`. Semma li ma jafx jekk din il-lista ntbaghatitx pero` li certu impjegati fosthom Lydia Pulis, Doris Mifsud, Doris Camilleri u certu Alice li ma jiftakarx kunjomha pero' ghadha tahdem maghhom sal-lum, inghataw il-possibilita' li jaqilbu l-impjieg taghhom mal-Gvern u nghataw kopja ta' din ic-cirkolari. Dawn kollha kienu impjegati irregolarment bhalu izda nghataw l-opportunita' li jaqilbu l-impjieg taghhom. Zied li Alice hija impjegata mal-Gvern bhala skrivana u Doris Camilleri tahdem fl-iskola tal-Gvern ta' B'Bugia. Izda hu qatt ma nghata din il-possibilita`. Fis-sena 1993 imbaghad sar il-Ftehim Kollettiv bejn it-Taqsima Lukandi, Ristoranti, Ikel u Xorb tal-Union Haddiema

Maghqudin u l-Mediterranean Conference Centre u b'hekk awtomatikament il-kundizzjonijiet ta' impjieg taghhom waqghu taht il-Ftehim Kollettiv. Sostna li minhabba f'hekk gie aghar milli kieku nghata l-opportunita' li jinghata impjieg mal-Gvern. Il-kundizzjonijiet fi hdan il-Ftehim kienu tali li b'hekk tilef zewg riformi u cioe' dawk tas-snin 1991 u 1998 u fir-rigward tal-bonuses u tilef hafna zidiet li seta' ha fil-pagi. F'Lulju tas-sena 1994 rega' rcieva ittra mic-centru stess li biha gie nfurmat li skond il-ftehim kien appuntat fil-grad ta' "Tradesman II" biex jaghmel xoghol il-Mediterranean Conference Centre b' effett mill-1 ta' Jannar 1993 u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu kienu dawk kontemplati fil-Ftehim Kollettiv iffirmat fl-1993.

Mario Attard ikkonferma bil-gurament li hu kien iffirmajt kuntratt mal-Mediterranean Conference Centre wara li kien talab lis-Sur Grima ghal impjieg. Hu kien ilu jirregistra bhala unemployed ghal 4 snin. Dahal jahdem fis-16 ta` Marzu 1987 wara xi hmistax-il gurnata li kien kellem lis-Sur Grima u minn dik il-gurnata sal-lum baqa' jahdem il-Mediterranean Conference Centre. Meta sar il-collective agreement tal-1993 kien membru tal-UHM u sar haddiem permanenti mal-MCC.

John Briffa xehed li dwar id-dhul fl-impjieg tieghu li kien sar f` Marzu 1987 u fil-fatt kien iffirma contract of service mas-Sur Agius Ferrante li dak iz-zmien kien ic-chairman tal-Mediterranean Conference Centre. Ghadu jahdem hemmhekk sal-lum il-gurnata. Bejn l-1987 u l-1992 il-paga kien jehodha mit-Tezor. Kien mar

ghand il-Ministru Grima li kien tah direttiva biex imur ghand is-Sur Agius Ferrante li impjegah mal-Mediterranean Conference Centre. Ma kienux baghatuh direttament mill-Labour Office ghax kien jirregistra biss il-Labour Office. Ma kienx applika in segwitu ta' xi applikazzjonijiet u ffirma l-kuntratt fis-16 ta` Marzu 1987.

Doris Camilleri li kienet tahdem mal-Mediterranean Conference Centre xi 14-il sena qabel xehedet li kienet tahdem bhala cleaner. Semmiet li fl-1993 kien baghat ghalihom is-Sur Mifsud li kien in charge mill-Mediterranean Conference Centre u kien qalilhom li rcieva ittra fejn huma kienu intitolati li jekk iridu jistghu jibdew jahdmu mal-Gvern u huma deherilhom li dan ic-cans ghandhom jiehduh. Fil-fatt dan ic-cans kien miftuh ghall-impjegati kollha nisa fi kwalunkwe grad, kemm cleaners kif ukoll skrivani. Semmiet li kienet accettat u ffirmat u saret charwoman mal-Gvern skala 18 u zdiedet fil-paga. Esebiet ittra tal-11 ta` Ottubru 1995 iffirmata mis-Sur Mifsud Chief Executive MCC fejn giet infurmata li giet assimilata bhala General Hand skala 19. Semmiet li l-offerta kienet saret ukoll lil Lydia Pulis, Doris Mifsud, Margaret Psaila, Antonia Cutajar, Rose Azzoppardi, Agnes Barbara u Alice Bugeja u xi nies ohra. Wara li hadet l-appointment baqghet tahdem hemmhekk sa xi sena u ftit aktar u wara marret tahdem f` post iehor u dejjem bhala impjegata tal-Gvern.

Paul Mifsud li kien Chief Executive tal-Mediterranean Conference Centre semma li fl-1 ta` Marzu 1993 kienet harget cirkolari mahruga

mill-OPM u kienet titkellem dwar haddiema irregolari li kienu gew impjegati irregolari u li kellhom l-opportunita` biex isiru mal-Gvern bhala Group A. L-opportunita` kienet specifikament ghan-nisa u teskludi lill-irgiel. L-offerta kienet maghluqa ghall-haddiema industrijali u deherlu li kienet ghal Group A biss, ghall-haddiema irregolari biex jigu ngaggjati bhala haddiema industrijali mal-Gvern bhala Grupp A. Dawk li fil-fatt kienu accettaw dik l-offerta kienu gew impjegati mal-Gvern bid-drittijiert kollha tal-haddiema tal-Gvern inkluz l-obbligi tat-trasferiment ukoll. Hafna minnhom kienu impjegati bhala haddiema irregolari direttament mal-MCC izda mhux John Mifsud. Kienu irregolari fis-sens li mill-proceduri li titlob il-ligi ma kien sar xejn. Fil-fatt l-MCC hija kunsidrata bhala parti mill-ministeru. Zied li meta x-xhud mexa mill-Airport ghall-MCC baqa' fl-istess kariga li kellu ta' kap ta' dipartiment tal-Gvern u nghata isem ta' Chief Executive pero` dejjem baqa' bhala Civil Servant u l-paga tieghu kienet tohrog mill-Ministreu tat-Turizmu u mhux mill-MCC.

Semma li l-Mediterranean Conference Centre kienet taqa' taht il-Ministeru tat-Turizmu. Irrefera ghac-cirkolari MPO/169/91/2 u din ic-cirkolari mahruga taht il-firma tas-Sur Sammut bhala Administrative Secretary, ghaddiet minn taht idejh u dehrlu li kienu anke urewha lill-impjegati tal-MCC.

Dwar Raymond Formosa ma ftakarx id-dettalji dwaru waqt li dwar John Mifsud ghalkemm kien originarjament dahal bhala haddiem irregolari l-pozizzjoni tieghu kienet giet regolarizzata fl-1991.

L-impjieg ta’ dawn in-nies propjament qatt ma kien mal-Gvern anke meta l-pozizzjoni taghhom giet regolarizzata u dana minhabba l-fatt li huma kienu jkunu impjegati mal-Mediterranean Conference Centre u mhux mal-Gvern. L-MCC hija entita` tal-Gvern finanzjata mill-Gvern pero` mhix dipartiment tal-Gvern. Hass li c-cirkolari tal-1 ta` Marzu 1993 mahruga mill-Administrative Secretary ma kenitx tapplika ghall-haddiema tal-MCC pero` hu kien irceviha.

Vincent Vassallo xehed li kien iffirma contract of service mal-Mediterranean Conference Centre mas-Sur Agius Ferrante. Qabel kien jahdem bhala machine operator ma` Top Limited. Telaq l-impieg u mar mal-MCC. Ma kien ghamel ebda applikazzjoni formali izda kien kellem lis-Sur Grima li kien qallu jidhol wara xi gimgha. Meta sar il-ftehim kollettiv fl-1993 kien membru tal-UHM.

Grezzju Desira xehed li kien jahdem mal-MCC izda semma li qabel ma dahal f` dak l-impjieg kien ilu jahdem bhala part timer ghal xi sena nofs mal-MCC. L-impjieg inizzjali tieghu kien ta` plasterer painter bhala part timer mal-MCC. Wara kellem lis-Sur Grima li offrielu biex isir tal-post. Hu ghadu jahdem hemm sal-lum. Fl-1993 meta sar il-ftehim kollettiv kien membru tal-union u nghata xoghol permanenti mal-MCC.

Charles Catania li kien jahdem ma` Dirghajn il-Maltin fl-1974 semma li l-fizzjal Cutajar fl-1980 kien qallu li sejjer jahdem mal-Mediterranean Conference Centre. Dahal bhala Labourer u ghadu hemmhekk sal-lum. Sostna li l-fizzjal Cutajar meta kien iffima kien qallu li sejjer jahdem mal-Gvern. Fl-1987 ma ffirma ebda kuntratt u fil-fatt qatt ma rcieva l-ittra tal-1992 u hu kien gie impjegat b` mod permanenti mill-1980 meta dahal mill-ewwel.

Joseph Church Senior Principal fil-Ministeru tas-Sahha li bejn l-1989 u l-1996 kien qieghed il-Mediterranean Conference Centre u fil-kariga ta` Administrative Officer xehed li l-MCC ma kienx meqjus bhala dipartiment tal-Gvern. Semma li c-cirkolari tal-1 ta` Marzu 1993 kienet waslet l-MCC. Zied li kellhom surplus ta` impjegati l-MCC u kienu nfurmaw lill-Ministeru li kien ha xi whud minnhom bhala beach cleaners. Kien hemm zmien li fil-fatt kien hemm offerta li kienet maghluqa biss ghan-nisa li kienu gew offruti li jkollhom impjieg permanenti mal-Gvern u dawn accettaw. Dwar din il-bicca xoghol tan-nisa propjament anqas biss kienet harget cirkolari izda kienet ittra mahruga mill-MPO liema ittra kienet tghid li n-nisa li kienu qed jahdmu l-MCC u li kienu irregolari qieghdin jigu offruti job permanenti regolari mal-Gvern. Ghamel referenza specifika ghall-ittra datata tal-4 ta` Novembru 1991 iffirmata minn A. Fiorini Lowell fl-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar appointment of Charwomen Grupp A li kopja taghha tinsab a fol 23 tal-process.

Carmel Bonello Head of Operations mal-Mediterranean Conference Centre li ilu jahdem il-Mediterranean Conference Centre mill-1980 xehed li matul l-1986 u l-1987 kienu dahlu bhala impjegati numru konsiderevoli, il-fuq minn mija, ta' nies u dawn kienu dahlu b` mod irregolari. Il-pozizzjoni ta' xi whud minn dawn giet regolarizzata fl-1992. Illum kollha kemm huma gew moghtija impieg regolari u dan sar fl-1992. Dwar in-nisa kien hemm pozizzjoni differenti minhabba l-fatt li kien hemm cirkolari mill-OPM li awtorizzathom jidhlu mal-Gvern. Apparti n-nisa, kien hemm tnejn irgiel li l-pozizzjoni taghhom kienet giet regolarizzata qabel l-1992. Mill-1992 hadd minnhom ma qaleb minn irregolari mal-MCC ghal mal-Gvern.

Zied li xi uhud minn dawk li dahlu qabel Ottubru 1987 kienu gew trasferiti ghal dipartimenti ohra. Inoltre hemm numru ta' haddiema minn dawk li matul il-medda taz-zmien spiccaw f' dipartiment ohra u regularly employed mid-dipartiment fejn gew trasferiti. Ir-raguni tat-trasferiment minn mal-Mediterranean Conference Centre kien surplus labour u ghalhekk kienu ghamlu attentat biex jippruvaw inehhu hafna minn dawn in-nies. Kien hemm impjegati 156 waqt li llum hemm xi 37, 38. Hass li l-haddiema l-ohra li gew trasferiti ghal dipartimenti ohra saru regolari fl-istess zmien tal-1992 in segwitu tac-cirkolari li kienet harget mill-Gvern dwar il-haddiema irregolari.

Semma li l-impjegati huma impjegati tal-MCC u mhux mal-Gvern b' mod li kieku teoretikament kellha tispicca l-MCC huma ma jkunux jistghu jigu trasferiti direttament ghal ma' dipartiment iehor izda jigi

terminat l-impjieg taghhom sakemm il-Gvern ma jiddecidix mod iehor. Ikkonferma li r-rikorrenti qieghdin fuq contract of employment for an indefinite period.

Albert Agius Ferrante li kien chairman tal-Mediterranean Conference Centre bejn l-1982 u l-1992 u in segwitu Artistic Director sal-1997. Xehed li kien ghamel xi interviews ghal xi haddiema. Semma li kien ghamel zmien administrative secretary u fil-fatt jaf li l-procedura biex tidhol fl-MCC kellha tkun dik li tohrog call mill-PSC. Jaf li l-procedura ma gietx segwita izda l-pozizzjoni ma kenitx cara bizzejjed ghalihom fl-MCC bhal fil-kaz tat-Teatru Manuel immexxi minn kumitat. Hass li kienu dahlu xi mitt haddiem irregolari. Bejn l-1987 u l-1992 kien hemm diversi impjegati kemm irgiel u kemm nisa li kienu qabel mal-MCC u li kienu qabel impjegati b` mod irregolari li telqu mill-MCC. Sebgha minn dawn kienu marru l-Education Department u xi sebgha ohra f` dipartimenti ohra. Dawn fil-fatt telqu bhala haddiema irregolari u spiccaw dahlu mal-Gvern b` mod regolari. Semma li fil-fatt ghalkemm kienu gew trasferiti mill-MCC ghal dipartimenti ohra dan ma kienx in segwitu ta` xi call tal-PSC izda xorta wahda saru impjegati regolari tal-Gvern. Is-salarju ta` dawn il-haddiema kien dejjem johrog ta` kollha kemm huma mit-Tezor. Hass li s-sitwazzjoni tal-MCC hija wahda “sui generis”.

Anthony Degiorgio xehed li kien dahal originarjament fl-1986 u kien security pero` r-rank tieghu kien klerikali. Kien jithallas mit-Tezor

dak iz-zmien. F’ Jannar tal-1992 sar regolari mal-MCC. Semma li tilfu l-vantagg ta’ zewg riformi tal-Gvern.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li ftit qabel l-elezzjoni tal-1987 numru konsiderevoli ta’ nies (fosthom ir-rikorrenti) gew impjegati mal-Mediterranean Conference Centre u dan fuq sempliciment rakkomandazzjoni u interview minghajr ma kienu hargu applikazzjonijiet, minghajr hatra formali ta’ xi bord ghall-interviews u minghajr proceduri li solitu jsiru. Dawn fil-fatt kienu ghal zmien twil kunsidrati bhala haddiema irregolari mal-Gvern u kienu jithallsu mit-Tezor. Fis-sena 1993 kien sar ftehim kollettiv bejn it-Taqsima tar-Ristoranti, Lukandi, Ikel u Xorb tal-Union Haddiema Maghqudin u l-Mediterranean Conference Centre u ghalhekk saru haddiema regolari tal-Mediterranean Conference Centre. Inoltre ta’ min isemmi li hargu zewg cirkolarijiet u cioe`:

Fl-4 ta’ Novembru, 1991 cirkolari mahruga mill-Ufficju tal-Prim Ministru dwar Appointment of Charwomen Group A li tghid:

“It has been decided to offer a permanent post in Group A to all females who, on 31 December 1989, were listed in the Combined Register – i.e. those who were members of AWTS (including ex-Dejma), those ‘irregularly employed’ and those who were registering for employment on Part 1 of the Register.

In the case of your Organisation the females concerned can elect to remain in your employ should you consider that permanent employment can be offered to them.

According to the latest returns submitted by you the females shown in the enclosed list are attached to your Organisation.

I am accordingly sending you letters of appointment in respect of all females on the list in order that you can hand them over to all individuals concerned. In the case of those employees who opt to remain in your employ and whom you accept to retain, the relative letters of appointment with Government should be returned fortwith."

u fl-1 ta' Marzu, 1993 harget cirkolari mill-Ufficju tal-Prim Ministru li fl-ewwel paragrafu qalet:

"In conformity with government policy as announced in the Budget Speech for 1992, all employees irregularly employed prior to 10th May 1987 were to be offered permanent employment with Government in Group A of the Industrial Grades with effect from 1st January, 1992.

Ikkunsidra li l-ewwel eccezzjoni moghtija hija li l-Ministeru tat-Turizmu mhux il-legittimu kontradittur tar-rikorrent a tenur tal-

Artikolu 181B tal-Kap 12. Infatti l-Artikolu 181B(1) tal-Kap 12 jghid li:

"Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."

Irrizulta li l-MCC kienet taqa' taht id-Dipartiment tal-Kultura jew taht id-Direttur tat-Turizmu fi zmenijiet diversi. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti messha saret kontra dawn id-Diretturi u mhux kontra l-Ministeru. Ghalhekk jilqa' din l-eccezzjoni fil-konfront biss tal-Ministeru.

Ikkunsidra li l-Artikolu 110 subartikolu 6 tal-Kostituzzjoni jghid li:

"Dhul f' impiegi ma' kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b' xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma' kull socjeta` jew korp iehor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu."

Ghalhekk id-dhul fl-impieg tar-rikorrenti sar bi ksur manifest tal-artiklu 110 subartiklu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-pozizzjoni tar-rikorrenti xejn ma kienet sabiha u nies bhalu kienu f' pozizzjoni

kompletament fluwida. Gara izda li permezz tac-cirkolari tal-4 ta' Novembru 1991 il-Gvern iddecieda li joffri impieg permanenti fi Grupp A lin-nisa li fil-31 ta' Marzu 1989 kienu mnizzlin fil-combined register inkluz dawk irregularly employed. Ir-rikorrenti sostnew li din kienet bi ksur ghad-drittijiet taghhom ghax cittadini Maltin kollha jgawdu drittijiet ta' ugwaljanza u ghalhekk ma kellhomx ikunu eskluzi mill-beneficcji ta' tali cirkolari bil-fatt biss li huma irgiel u dan f' impieg li mhux necessarjament u bil-fors isir minn mara.

Hawnhekk it-Tribunal sejjer jikkwota minn sentenza ohra deciza minnu fl-20 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet Francis Caruana vs Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn intqal li:

"Dwar l-ewwel aspett tal-ilment dan hu bazat fuq il-mod kif harget l-OPM Circular 71/90, "Post of Supervisor (Female) in the Inland Revenue Department, Group D". Mill-istess dokument esebit jirrizulta car li l-applikazzjonijiet kienu miftuha ghal dak imsemmi fl-ewwel paragrafu "Female Government employees who wish to be considered for the appointment to the post of Female Supervisor…"

Issa rrizulta car li t-tip ta' xoghol li ried jigi attwat ma kienx xi xoghol li jinnecessita li dan isir minn mara ad eskluzjoni ta' ragel. It-Tribunal jikkondividi perfettament l-insenjament tal-kawza fl-ismijiet Victoria Cassar kontra l-Awtorita` Marittima ta' Malta et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru

2001, u Rose Anne Galea vs Onor Prim Ministru deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April, 1995. Bazat fuq l-artikoli 14 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 3, 8, u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [Kap 319], hu essenzjali li jkun hemm l-ugwaljanza u l-parita` tas-sessi ghal kull impjieg. Dan naturalment jista' jkollu l-eccezzjoni tieghu meta jkun hemm impiegi li minn natura essenzjali taghhom jirrikjedu bilfors li l-applikant irid ikun mara jew ragel. It-Tribunal jifhem li postijiet bhal Security Frisker kif kienet precedentement Josephine Gatt jirrikjedu li biex taghmel Security Frisking fuq nisa u tfajliet kemm mill-aspett morali kif ukoll socjali jinnecessitaw li persuna tkun mara izda ma jarax kif ghall-post ta' Supervisor bhal dak riferut ghalih fl-ilment dan jirrikjedi bilfors li kellha tkun mara specjalment meta l-impjegati ta' taht l-istess supervisor setghu jkunu rgiel."

Inoltre ssemmiet fuq ic-cirkolari tal-1 ta' Marzu 1993 li permezz taghha "all employees irregularly employed prior to 10$^{th}$ May 1987 were to be offered permanent employment with Government in Group A of the Industrial Grades with effect from 1$^{st}$ January 1992." Ghalhekk ukol taht dan l-aspett huwa ingust li ma tigix moghtija l-opportunita` lir-rikorrenti li jitqies bhala persuna regularly employed.

Hawn it-Tribunal bil-fors irid jaghmel dawn ir-riflessjonijiet:

It-Tribunal ma jistax logikament jordna li kuntrarjament ghal dak li hemm imsemmi fl-Artikolu 110(6) ir-rikorrenti jitqies bhala regularly employed mal-Gvern;

Izda minn naha l-ohra ma jistax jasal ghal li manifestament jiddiskrimina kontra r-rikorrent ghax jekk mijiet ta' impjegati irregolari gew moghtija dik il-fakulta` bl-istess mod huwa dritt tieghu taht il-Kostituzzjoni li jigi moghti l-istess opportunita` u ghalhekk ghandu jitqies regularly employed mal-Gvern;

Hija stramba li fl-1993 il-procedura li ntuzat ghal mijiet ta' haddiema biex saru impjegati regolarment saret taht is-sistema kif fil-fatt giet implimentata;

Ir-ragunar ta' xi awtoritajiet li jqisu l-impieg tal-haddiema tal-MCC mhux bhala ta' impjegati tal-Gvern u li ghalhekk li ma kellhomx japplikaw il-provvedimenti tac-cirkolari tal-1 ta' Marzu 1993 kien stramb hafna ghax jekk dawn ma kienux haddiema mal-Gvern allura ma kienux applikabbli l-provvedimenti tal-Artikolu 110(6) u ghalhekk l-impieg taghhom seta' jitqies regolari.

Dan kollu jwassal ghall-fatt li t-Tribunal ihoss li r-rikorrenti kellu jkun moghti l-opportunita` kif inghataw tant haddiema ohra li kienu impjegati irregolarment li bhalhom kellu d-drittijiet tieghu. Huwa veru li wiehed ghandu josserva l-obbligazzjonijiet taht l-Artikolu 110(6) izda daqshekk iehor kellhom jigu osservati l-provvedimenti

dwar diskriminazzjoni kemm bejn irgiel u nisa (cirkolari tal-4 ta' Novembru 1991) u kemm tal-haddiema mal-MCC ma' haddiema ohra (cirkolari tal-1 ta' Marzu 1993).

It-Tribunal jixtieq jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-22 ta' Novembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et fejn qal:

"Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136."

Ghalhekk wara li qies il-fatturi kollha hawn fuq imsemmija jhoss li ghandu jichad l-eccezzjonijiet bazati fuq l-Artikolu 110(6) tal-

Kostituzzjoni u li impiegi mal-Gvern isiru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

L-eccezzjoni l-ohra tal-intimati li l-pozizzjoni tar-rikorrenti fl-MCC kienet fil-fatt giet regolarizzata u li r-rikorrent illum huwa haddiem regolari ta' dan ic-centru ma taffettwax id-drittijiet tieghu ezistenti taht xi aspett iehor bhal ma hu d-dritt fundamentali tieghu kontra diskriminazzjoni. Infatti s-Sur Carmel Bonello fid-depozizzjoni tieghu semma xi vantaggi li r-rikorrenti ma ghandux sakemm ma jkunx haddiem tal-Gvern. Ghal dawn il-motivi jichad ukoll din l-eccezzjoni. L-eccezzjoni msemmija fil-paragrafu (d) tan-nota ta' eccezzjonijiet a fol 4 tal-process m' hi xejn hlief ripetizzjoni tal-eccezzjoni precedenti u ghalhekk mhux il-lok li din jikkumenta fuqha t-Tribunal.

Ghalhekk wara li cahad l-eccezzjonijiet tal-intimati hlief ghal dik relattiva ghall-Ministeru tat-Turizmu, it-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jirrikmanda li jinghata appointment mal-Gvern b' effett mid-data li nghataw il-haddiema l-ohra in segwitu tac-cirkolari fuq imsemmija u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-hatra dak in-nhar.

Spejjez kontra l-intimati.